MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2007

Numru 1261/2006

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Sean Sinclair Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 89096M, akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer fis-6 t’Ottubru, 2006 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura li hija propjeta ta’ Carmelo Pisani bhala direttur ta’ J and C Pisani Ltd., liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira (Lm50); (Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9)

2. Fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer hebb kontra l-persuna ta' Keith Ellul sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmillu hsara; (Art. 339 (1)(d) tal-Kap. 9)

3. Fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ngurja jew hedd lil Keith Ellul; (Art. 339 (1)(e) tal-Kap. 9)

4. Fl-istess dat u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika. (Art. 338 (dd) tal-Kap. 9)

Il-Qorti mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 Kap. 9 ghas-sigurta ta' Keith Ellul detentur ta' karta ta' identità numru 387393(M).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammisjoni huwa ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat taht l-Artikolu 325(1) (b), 339 (1) (d), 339 (1) (c) u 338 (dd) tal-Kap. 9.
Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u irrikondizjonata.

Fuq tali ammissjoni tiddeciedi wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sena mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Tapplika ukoll kontra l-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal sena taht penali ta' Lm100 sabiex ma jkellimx u ma jimmolestax lil Keith Ellul.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------